EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0421/E (Spain)

Abbozz ta’ Digriet Reġju dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-ħalib użat bħala materja prima fit-tikkettar tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Data tal-wasla : 05/09/2017
Tmiem tal-Waqfien : 07/12/2017 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 02348
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2017/0421/E

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201702348.MT)
1. MSG 002 IND 2017 0421 E MT 05-09-2017 E NOTIF

2. E

3A. Subdirección General de Asuntos Industriales, Energéticos, de Transportes y Comunicaciones, y de Medio Ambiente
Dirección General de Coordinación de Políticas Comunes y de Asuntos Generales de la Unión Europea
Secretaría de Estado para la Unión Europea
Ministerio de Asuntos Exteriores y de Cooperación

3B. Subdirección General de Control y de Laboratorios Alimentarios
Dirección General de la Industria Alimentaria
Ministerio de Agricultura y Pesca, Alimentación y Medio Ambiente
Pº Infanta Isabel, 1
28071 Madrid

4. 2017/0421/E - C00A

5. Abbozz ta’ Digriet Reġju dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-ħalib użat
bħala materja prima fit-tikkettar tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

6. Ħalib u prodotti tal-ħalib (informazzjoni dwar l-ikel)

7. - L-abbozz ġie notifikat l-ewwel lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri permezz tal-proċedura prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, tal-Parlament u tal-Kunsill, tal-25 ta’ Ottubru, dwar l-informazzjoni pprovduta lill-konsumatur (RIAC).
Fl-ewwel evalwazzjoni tal-abbozz, il-Kummissjoni osservat li l-Artikolu 5 tal-abbozz notifikat fih informazzjoni addizzjonali volontarja li biha l-operaturi tal-impriżi tal-ikel jistgħu jissupplimentaw l-indikazzjoni obbligatorja prevista fl-abbozz

notifikat. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet Spanjoli jinnotifikaw l-abbozz permezz tal-proċedura stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/1535.

8. L-għan ewlieni ta' dan l-istandard huwa li jirregola l-indikazzjoni obbligatorja tal-oriġini tal-ħalib użat bħala materja prima fit-tikkettar tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ippreparati fi Spanja li jiġu kummerċjalizzati fit-territorju Spanjol u, skont l-Artikolu 39 tar-RIAC, l-abbozz segwa l-proċedura ta' notifika tal-Artikolu 45 tar-Regolament imsemmi.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jiġbor id-dispożizzjonijiet relatati mal-informazzjoni addizzjonali volontarja, b'mod partikolari, dwar il-post ta' oriġini reġjonali jew territorjali li tista' tikkompleta d-dettalji obbligatorji ta' oriġini previsti fl-Artikolu 3 u r-rekwiżiti li għandha tissodisfa din l-informazzjoni volontarja. Dan wassal għan-notifika tal-abbozz bid-Direttiva 2015/1535, konformi mat-talba tal-Kummissjoni Ewropea.

9. Il-Kapitolu V tar-RIAC jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-informazzjoni dwar l-ikel volontarja.
Id-dispożizzjonijiet dwar l-"informazzjoni addizzjonali volontarja" tal-Artikolu 5 tal-abbozz notifikat, jikkonformaw mal-ħtieġa li titbassar serje ta' rekwiżiti speċifiċi għall-indikazzjoni fakultattiva tal-isem ta' reġjun jew territorju li jippermettu li jiġi evitat, fil-parti l-kbira, li din l-informazzjoni toħloq konfużjoni għall-konsumaturi.
F'dan is-sens, irrispettivament mill-osservanza tal-Kapitolu V tar-RIAC, l-abbozz jistabbilixxi r-rekwiżiti li ġejjin għall-informazzjoni volontarja tal-isem tar-reġjun jew tat-territorju:
- il-ħalib għandu jiġi kompletament mir-reġjun jew it-territorju
- ir-reġjun jew it-territorju għandhom jappartjenu, bla dubju, lill-pajjiż ta' oriġini tal-ħalib indikat skont l-Artikolu 3.
- m'għandux jikkoinċidi ma' isem protett skont ir-Regolament (UE) 1151/2012, għall-istess tip ta' prodott.

10. Testi bażiċi ma jeżistux

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

LE - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

LE - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

****
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu